FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 19 TA' OTTUBRU 2016

Il-Pulizija

Spettur Fabian Fleri u Spettur Kylie Borg

vs

Christopher Mifsud

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat ta' karta tal-identita' 143188M akkuzat talli:

1. nhar it-2 ta' Ottubru 2016, ghall-habta ta' 06:45am gewwa Triq il-Blata Qormi, bhala persuna li kien jaf jew missu kien jaf li persuna hi anzjana jew adult dipendenti u li taht cirkostanzi jew kondizzjonijiet li x'aktarx jikkawzaw offiza fuq il-persuna jew mewt, xjentement gieghel lil Dolores Azzopardi ta' 73 sena issofri u gab fuqa ugiegh fiziku u/jew tbatija mentali mhux gustifikabbli; Artikoli 257A (1)(2)(3)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. fl-istess data hin lok u cirkostanzi ikkommetta serq ta' handbag liema serq hu kkwalifikat bil-hin u li sar ghad-dannu ta' Dolores Azzopardi persuna anzjana ta' 73 sena; Artikoli 261(f), 270, 281(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. fit-30 ta' Settembru 2016 ghall-habta ta' bejn 14:15hrs u 15:15hrs gewwa Triq San Bartolomew Qormi minn gewwa vettura bin numru registrazzjoni AMN 487 tal-ghamla Renault, ikkometta serq ta' handbag li kien jikkontjeni flus kontanti u cekkijiet flimkien ma laptop liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa li sar ghad-dannu ta' Amanda Mifsud u/jew persuna/i ohra; Artikolu 261(b)(c)(g), 263(a), 267, 271(g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. fit-3 ta' Ottubru 2016 ghall-habta ta' bejn 01:00hrs u 02:15hrs minn gewwa il-hanut bl-isem ta' Baba li jinsab Triq Guze Duca Qormi, ikkommetta serq ta' €200 liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u bil-hin li sar ghad-dannu ta' Stephen Bartolo u/jew persuna/i ohra; Artikoli 261(b)(f), 270, 278(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. fl -1 ta' Ottubru 2016 ghall-habta ta' 10:00hrs minn gewwa il-hanut bl-isem ta' Economical Pharmacy li jinsab Triq Sir Adrian Dingli Sliema flimkien ma persuna ohra, ikkommetta serq ta' mobile phone liema serq hu kkwalifikat bil-valur u li sar ghad-dannu ta' Deborah Camilleri u/jew persuna/i ohra; Artikoli 261(c), 267 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. fit-30 ta’ Settembru 2016 ghall-habta ta’ bejn 01:00hrs minn gewwa il-hanut bl-isem ta’ Baba li jinsab Triq Guze Duca Qormi, flimkien ma persuna ohra ikkommetta serq ta’ €200 liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u bil-hin li sar ghad-dannu ta’ Stephen Bartolo u/jew persuna/i ohra; Artikoli 261(b)(f), 270, 278(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

7. fit-23 ta’ Settembru 2016 ghall-habta ta’ bejn 16:00hrs u 16:20hrs minn gewwa il-hanut bl-isem ta’ Pinto’s Take Away li jinsab Triq Guze Duca Qormi, ikkommetta serq ta’ bott tad-donazzjonijiet liema serq huwa serq semplici u li sar ghad-dannu ta’ William Agius u/jew persuna/i ohra; Artikoli 284, 285, 286 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

8. fit-23 ta’ Settembru 2016 ghall-habta ta’ bejn 14:00hrs u 14:15hrs minn gewwa il-hanut bl-isem ta’ Anici Confectionary li jinsab Triq l-Isqof Scicluna Qormi, ikkommetta serq ta’ bott tad-donazzjonijiet liema serq huwa serq semplici u li sar ghad-dannu ta’ Mark Paul Camilleri u/jew persuna/i ohra; Artikoli 284, 285, 286 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

9. f’dawn l-ahhar granet, xjentement f’Malta laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruq, li l-valur taghhom ma jeccedix l-€2,329.37 mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, jew xjentement b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxi dawn l-oggetti; Artikolu 334 tal-Kap tal-Ligijiet ta’ Malta;

10. finalment akkuzat ukoll, talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta permezz ta’ diversi sentenzi moghtija fil-konfront tieghu, mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jinbiddlu;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghat lill-imputat jammetti l-akkuzi fuq liema insista anka meta l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Fuq skorta ta’ din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ssibu u tiddikjarah hati.

Rat l-Artikoli 257A (1)(2)(3), 261(b)(c)(g)(f), 262, 263(a), 267, 269(g), 270, 271(g), 278(2), 281(a), 284, 285, 286, 334 tal-Kapitlu 9 u l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Tikkundannah 3 snin habs, kif ukolll tirrakmmandah ghall-programm.

A.M. Trigona
Magistrat